



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-245/17

Pedro Viejobueno Ibáñez

u

Emilia de la Vara González

vs

Consejería de Educación de Castilla-La Mancha,

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jiġu tterminati kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat meta l-motiv ta’ reklutaġġ ma jkunx għadu jissussisti – Għalliema impjegati għas-sena skolastika – Xoljiment tar-relazzjoni ta’ xogħol fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta’ taġġim – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Direttiva 2003/88/KE”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Novembru 2018

1. *Politika soċjali – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Direttiva 1999/70 – Projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat – Għalliema impjegati għas-sena skolastika bħala membri tal-persunal mhux permanenti – Xoljiment tar-relazzjoni ta’ xogħol fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta’ taġġim – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jiġu tterminati kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat fil-każ li l-motiv ta’ reklutaġġ ma jkunx għadu jissussisti – Ammissibbiltà*

(Direttiva tal-Kunsill 1999/70, Anness, il-punt 1 tal-klawżola 3 u l-punt 1 tal-klawżola 4)

2. *Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Dritt għal-leave annwali mħallas – Għalliema impjegati għas-sena skolastika bħala membri tal-persunal mhux permanenti – Xoljiment tar-relazzjoni ta’ xogħol fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta’ taġġim – Ċaħda ta’ jiem ta’ leave annwali bil-ħlas matul is-sajf relatati ma’ dik is-sena skolastika – Ħlas ta’ kumpens finanzjarju f’dan ir-rigward – Ammissibbiltà*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/88, Artikolu 7(2))

1. Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta’ Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil persuna li timpjega li ttemm, fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta’ taġġim, ir-relazzjoni ta’ xogħol għal żmien determinat ta’ għalliema rreklutati għal sena skolastika bħala membri tal-persunal mhux permanenti, minħabba li l-kundizzjonijiet ta’ neċessità u ta’ urġenza li kien suġġett għalihom ir-reklutaġġ taġġhom ma kinux għadhom jissussistu f’dik id-data, filwaqt li r-relazzjoni ta’ xogħol għal żmien indeterminat ta’ għalliema li għandhom il-kwalità ta’ uffiċjali tkomplet.

Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li, fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta' tagħlim, ma ntemmitx ir-relazzjoni ta' xogħol tal-għalliema li jaqgħu taħt ir-Regolament tal-persunal, jew li din ir-relazzjoni ma tiġix sospiż, huwa inerenti għan-natura stess tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema. Fil-fatt, dawn huma intiżi sabiex jokkupaw impjeg permanenti preċiżament għaliex huma impjegati fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat.

Dwar ir-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, bħal dik tal-persuni kkonċernati, huma, min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 1 tal-klawżola 3 tal-Ftehim qafas, ikkaratterizzati mill-fatt li l-persuna li timpjega u l-ħaddiem huma, sa mill-mument li fih jiġu konklużi tali relazzjonijiet, qablu li dawn għandhom jintemmu meta, b'mod oġġettiv, iseħħu kundizzjonijiet stabbiliti, bħat-tlestija ta' komputu speċifiku, l-okkorrenza ta' avveniment speċifiku jew ta' data speċifika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupu Norte Facility, C-574/16, EU:C:2018:390, punt 57, u Montero Mateos, C-677/16, EU:C:2018:393, punt 60).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn, hekk kif dan tfakkar, essenzjalment, fil-punti 33 u 36 ta' din is-sentenza, il-Ftehim qafas jirrikonoxxi, bħala prinċipju, il-leġittimità tar-rikors għal relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat kif ukoll l-użu ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat u ma jstabbilixxi il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw dawn ir-relazzjonijiet, differenza fit-trattament, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti biss fil-fatt li relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, f'data speċifika, waslet fi tmiemha, filwaqt li relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat ma tkunx intemmet f'dik id-data, abbażi ta' dan il-ftehim ma tistax tiġi ssanzjonata.

(ara l-punti 43, 44, 46, 54, u d-dispożittiv 1)

2. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li ttemm, fid-data tat-tmiem tal-perijodu ta' tagħlim, ir-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat tal-għalliema rreklutati għal sena skolastika bħala membri tal-persunal mhux permanenti, anki meta dan iċaħħad lil dawn l-għalliema minn jiem ta' leave annwali bil-ħlas matul is-sajf relatati ma' dik is-sena skolastika, sakemm dawn l-għalliema jirċievu kumpens finanzjarju f'dan ir-rigward.

(ara l-punt 58, u d-dispożittiv 2)